

Brussell, 3 ta' Frar 2023  
(OR. en)

5959/23

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0157(NLE)**

---

**ENFOPOL 45**  
**CT 15**  
**RELEX 133**  
**JAI 105**  
**NZ 1**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu – Adozzjoni

---

1. Fit-30 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat rakkomandazzjoni, li tipproponi li l-Kunsill jawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu<sup>1</sup>. Fit-13 ta' Mejju 2020, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' New Zealand u adotta direttivi ta' negozjati<sup>2 3</sup>.
2. In-negozjati bdew f'April 2021 u ġew konklużi f'Novembru 2021 meta n-negozjaturi ewlenin inizjalaw l-abbozz tat-test tal-Ftehim.

---

<sup>1</sup> COM(2019) 551 final.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument 7047/20.

<sup>3</sup> Addendum għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li jinsab fid-dokument 7047/20 ADD 1.

3. Fit-13 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni Ewropea ressqet proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu,<sup>4</sup> kif ukoll proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim<sup>5</sup>.
4. L-għan tal-Ftehim huwa li jippermetti t-trasferiment ta' data personali bejn il-Europol u l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand, sabiex jappoġġa u jsaħħaħ l-azzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u dawk ta' New Zealand, kif ukoll il-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra reati kriminali, inkluż il-kriminalità serja u t-terroriżmu, filwaqt li jiżgura salvagwardji xierqa fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, inkluż il-privatezza u l-protezzjoni tad-data.
5. Fis-27 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu.<sup>6</sup> Il-Partijiet iffirmaw il-Ftehim fit-30 ta' Ġunju 2022 fi Brussell.
6. F'konformità mal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew huwa meħtieġ qabel ma l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.<sup>7</sup> Fit-18 ta' Lulju 2022, il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Parlament Ewropew biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, u t-talba għal approvazzjoni ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fl-istess jum, flimkien mat-test tal-Ftehim<sup>8</sup>.

---

<sup>4</sup> 9089/22 + ADD 1.

<sup>5</sup> 9090/22 + ADD 1.

<sup>6</sup> ĠU L 176/3, 1.7.2022.

<sup>7</sup> 10092/22.

<sup>8</sup> 9269/22.

7. Fis-17 ta' Jannar 2023, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.
  8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
    - jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 10092/22;
    - jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.
-